# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM 7 ta' Dicembru, 2000.**

**Kawza Nru. 5.**
**Citazz. Nru. 1597/00 JRM**

**Carmena, Rachela, Anthony, Rose, Giuseppa, Beatrice, Ursola, Joseph, Alfred, Michelina u Doris, ahwa PORTELLI, ulied il-mejtin Angelo u Maria Assunta konjugi Portelli.**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni ppresentat fil-31 ta' Lulju, 2000, li permezz tieghu l-atturi ppremettew:
Illi, l-mewt ta' omm l-atturi giet registrata fl-Atti tal- Mewt numru 772/2000, hawn annessi u mmarkati bhala Dok A;

Illi fl-atti surriferti jezisti zball fis-sens illi l-*istatus* tal-omm, u cioe' Maria Assunta Portelli, gie kull darba erroneament indikat bhala 'xebba' meta dan kellu jitnizzel bhala 'mizzewga', u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg ta' Angelo Portelli u Maria Assunta Portelli, hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

Illi l-atturi jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjoni tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi rettifikat l-izball li sar fl-Atti tal-Mewt surriferit;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premsssi:

1. Tordna lill-konvenut jikkorregi l-izball fl-Atti tal-Mewt numru 772/2000 fis-sens illi kull fejn jidher l-*istatus* ta' 'xebba' jigi mhassar u minflok jitnizzel l-*istatus* ta' 'mizzewga';

2. Bl-ispejjez ghall-konvenut li hu minn issa ngunt gha-subizzjoni;

Rat li l-atturi talbu li din il-Qorti tordna lill-konvenut jikkorregi l-izball fl-Att tal- Mewt numru 772/2000 fis-sens li kull fejn jidher l-*istatus* ta' 'xebba' jigi mhassar u minflok jidher l-*istatus* ta' 'mizzewga';

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista ta' xiehda u d-dokumenti mehmuza maghha, inkluz l-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali;

Rat in-Nota tal-25 ta' Settembru, 2000, li biha l-konvenut ecepixxa: l. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u dwar il-gudizzju ta' din l- Onorabbli Qorti; 2. Illi fi kwalunkwe kaz huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din il-kawza stante li t-tibdil rikjest mhuwiex attribwibbli ghal nuqqas da parti tal-konvenut; u 3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tal-atturi;

Semghet it-trattazzjoni tal-kaz;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan il-kaz m'ghandux jippresenta diffikultajiet partikolari biex wiehed jifhmu peress li t-talba li qeghda ssir, u l-persuni li minnhom hija mressqa, hija c-cahda fiha nnifisha tat-taghrif li jinsab fl-Att ta' stat civili li tieghu qieghed jintalab il-bdil;

Il-qofol tal-azzjoni attrici hija mibnija fuq il-fatt li omm l-atturi kienet legittimament mizzewga. Dan jidher mill-Att taz-Zwieg numru erbgha (4) tal-elf disa' mija u tletin ( 1930) li jinsab mehmuz mac-Citazzjoni bhala Dokument "B". Il-konferma ta' dan, jekk kieku qatt kien hemm htiega ghaliha, nghatat lill-Qorti mix-xhieda tal-attrici Beatrice Cortis, bint id-decuius, li kkonfermat li ommha kellha tnax-il (12) wild matul iz-zwieg taghha;

Il-Qorti m'ghandhiex ghax ikollha dubju jekk l-Att tal-Mewt mertu tal-kawza jirriferix ghal omm l-atturi, u dan peress li l-konnotati tal-persuna l-mejta, u b'mod partikolari l-eta' u t-tismija tal-genituri taghha jaqblu perfettament ma' dawk murija fl-Att taz-Zwieg taghha fuq imsemmi;

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, il-Qorti jidhrilha li l-provi mressqa jsostnu ghal kollox l-ewwel talba tal-atturi. Il-Qorti, madankollu, tifhem ukoll li, kif inhu mehtieg f'kull Att ta' stat civili, it-taghrif kollu rilevanti ghandu jkun imnizzel f'dak l-att dwar kull persuna li ghalih jirreferi;

B'mod partikolari f'dan il-kaz, mhux bizzejjed li jinghad li d-*decuius* kienet mizzewga, imma jrid jinghad ukoll li, bhalma jigri normalment f'kull kaz iehor ta' Att tal-Mewt, irid jissemma isem is-sieheb tal-persuna l-mejta u jekk dan jew din humiex hajjin jew le;

Illi, f'dan il-kaz, irrisulta li Assunta Portelli kienet mizzewga lil Angelo u li dan kien miet xi tlettax-il (13) sena qabilha. Fil-waqt ta' mewtha, ghalhekk, Assunta Portelli kienet armla;

Illi l-ligi taghti lill-Qorti s-setgha, dejjem fl-ahjar interess tal-gustizzja u biex isir haqq, illi taghmel jew tordna minn rajha li jsir bdil jew thassir f'xi att gudizzjarju [art 175(3) tal-Kapitolu 12] sa kull waqt qabel is-sentenza. Fid-dawl tar-risultanzi u tal-konsiderazzjonijiet maghmulin aktar 'il fuq, il-Qorti sejra tinqeda b'din is-setgha fil-parti dispositiva tas-sentenza, fin-nuqqas ta' talba f'dan is-sens minn xi wahda mill-partijiet;

Illi dwar ir-raguni ghaliex irrisulta dan it-taghrif skorrett fl-Att tal-Mewt mertu tal-kaz, l-attrici Cortis xehdet li kienet hi li marret tirrapporta l-mewt t'ommha u sehqet li lill-ufficjal li kienet qeghda tohdilha l-partikolaritajiet kienet qaltilha li l-mejta kienet ommha. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita din il-verzjoni u tqis li l-izball ma kienx ghajr nuqqas ta' ftehim li ma jitfa' l-ebda htija fuq il-konvenut;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u tordna li taht l-intestatura *"Jekk ghazeb/xebba, mizzewweg/mizzewga, armel/armla*" fl-Att tal-Mewt numru 772/2000 relattiv ghal ommhom Maria Assunta Porterlli, il-kelma **"spinster"** titnehha u minflokha tidhol il-frazi **"widow of Angelo Portelli";**

U ghall-finijiiet tal-artikolu 256(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qorti Superjuri li, fi zmien ghaxart (10) ijiem minn mindu din is-sentenza tghaddi f'gudikat, jibghat kopja vera tal-istess sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Minhabba li ma tressqux provi li juru li l-konvenut kien jahti ghall-izball mertu tal-kawza, **tichad it-talba tal-atturi** li l-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza, liema spejjez, ghalhekk, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Dicembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Dicembru, 2000.**